MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 15/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vincent Francica**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vincent Francica talli fl-24 ta’ Marzu 2001 ghall-habta tat-19.45 f’Nelson Street, Floriana, waqt li kien jahdem ta’ bus driver bil-bus tar-rotta Nru. DBY-360:

(1) naqas li jghaddi mir-rotta stabbilita;

(2) saq l-istess bus tar-rotta b’manjiera perikoluza;

(3) saq l-istess bus tar-rotta kontra l-‘one-way traffic’;

(4) naqas li jkun wara li-‘steering wheel’ tal-bus meta kienet mimlija bil-passiggieri;

(5) hedded lil E.O.15 ufficjal ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(6) qal kliem oxxen;

(7) u kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta’ Jannar 2005, li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet preskritti, li l-hames imputazzjoni ma tirrizultax izda sabitu hati tat-tieni u s-seba’ imputazzjonijiet u kkundannatu hamsin lira (Lm50) multa u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Vincent Francica tal-25 ta’ Jannar 2005, li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w htija jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semgħet ix-xiehda ta' E.O. 15;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta ta' l-20 ta' Lulju 2005 Dott. Michela Spiteri ghall-appellat Avukat Generali eccepiet in-nullita` tar-rikors ta' appell peress li l-appellant ma kellux jitlob ghar-revoka tas-sentenza appellata izda ghar-riforma taghha

stante li huwa nstab hati biss ta' zewg imputazzjonijiet. In vista ta' din l-eccezzjoni mqajma mill-appellat, Dott. Mark Busuttil ghall-appellant irtira t-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza u zamm ferm biss it-talba li tirrigwarda l-piena.

Jirrizulta li l-appellant instab hati ta' zewg imputazzjonijiet: dik li saq b'manjiera perikoluza u dik li qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku. Fis-sentenza taghha fil-fatt l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib lill-appellant hati "fuq it-tieni u s-seba' akkuza." Izda mbaghad, filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 15 tal-Kap. 65, ma ghamlet l-ebda referenza ghall-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kodici Kriminali. Dan ghalhekk ifisser li ma gewx citati l-artikoli tal-ligi skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Dan hu nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali liema nuqqas, skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, jista' jigi ssollevat mill-Qorti *ex officio* anke jekk l-appellant ma jilmentax min-nullita` tas-sentenza.[1]

Ghaldaqstant din il-Qorti qed thassar u tannulla s-sentenza appellata u, fit-termini ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu.

Il-fatti huma semplici. Fl-24 ta' Marzu 2001 ghall-habta tat-17.45 l-appellant kien qieghed isuq ix-xarabank numru DBY-360 f'Nelson Street, Floriana meta suppost kellu jghaddi min-naha tal-Mall. Bhalma xehed E.O. 15 Carmel Mangion, minflok ma l-appellant ghadda minn mal-Mall, ghadda minn Triq Sant'Anna u tela' mit-triq fejn johorgu l-karrozzi mill-*parking lot*. Jghid li l-appellant ma kienx qed

---

[1] Ara per ezempju Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Zahra**, 26 ta' Mejju 1994, Vol. LXXVIII.v.244.

isuq b'xi speed eccezzjonali. Ix-xhud kien il-vagun u meta rah tiela' minn dik it-triq mar fuqu, qallu li se jharku u l-appellant beda jghajjat, jitkellem pastaz u nizel minn fuq ix-xarabank. L-istess xhud jghid, kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant, li fix-xarabank kien hemm xi tmintax-il passiggier.

Jigi l-ewwelnett osservat illi ghalkemm il-kaz in kwistjoni sehh fl-24 ta' Marzu 2001, l-ewwel darba li jirrizulta li l-appellant gie notifikat kien fit-3 ta' Jannar 2003. Ghalhekk, kwantu ghall-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet, stante li huma reati ta' natura kontravvenzjonali li l-perijodu preskrittiv taghhom huwa ta' tliet xhur[2], l-azzjoni kriminali fir-rigward l-imsemmijin imputazzjonijiet tinsab preskritta. Kwantu ghall-hames imputazzjoni mbaghad, minn dak li qal ix-xhud tal-prosekuzzjoni, din l-imputazzjoni ma tirrizultax. Fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas ma tirrizulta s-seba' imputazzjoni peress illi li titkellem pastaz ma jikkostitwix dagha. Tibqa' ghalhekk it-tieni imputazzjoni fejn l-appellant gie akkuzat li saq b'manjiera perikoluza.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta’ Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

**“Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it--tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu**

2 Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali.

**riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi 1-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)".**

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

**"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".**

Fil-kaz in ezami, minghajr prova cara li fil-mument li l-appellant kien ghaddej kontra l-*one way* ma kinux gejjin vetturi ohra u fuq dikjarazzjoni tax-xhud tal-prosekuzzjoni stess li l-appellant ma kienx qieghed isuq b'velocita` eccessiva, din il-Qorti ma tistax tirravviza fis-sewqan ta' l-appellant sewqan perikoluz izda sewqan traskurat stante n-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi, wara li tannulla s-sentenza appellata ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tiddeciedi l-kawza mill-gdid fil-mertu billi tiddikjara l-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel, it-tielet, ir-raba', u s-sitt imputazzjonijiet preskritta u minn dawk l-imputazzjonijiet tilliberah, tiddikjarah mhux hati tal-hames u tas-seba' imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tiddikjarah mhux hati ta' sewqan b'manjiera perikoluza skond it-tieni imputazzjoni izda minflok tiddikjarah hati ta' sewqan traskurat u, a tenur ta' l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u tissospendieh mil-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perijodu minimu ta' tmint ijiem li jibdew jiddekorru mil-lejla f'nofs il-lejl.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------